Il-bemda nkisret, kulhadd qam u stenbaħ
Minn ugħas u r-raqda twila...
Kulħadd qed jgħammex
Għajnejh imbexxqa lejn is-sema mdawla
B'elf dija bajdanija
Tal-kwiekeb li iddew daqshekk qawwija.

Infetħu d-djar...
U barra
Hareġ kulħadd jistaqsi kif hekk sebaħ,
U kif is-sema mtela' kant u dija.
U ġrew it-tfal u l-kbar fil-misraħ ċkejken
Tar-raħal tagħhom fqajjar.
Kulħadd mixtieq, jistaqsi,
Tifsir il-ġrajja kbira,
Li sebaħ f'nofs il-lejl u jidwi s-sema
Bil-kant u l-ilħna ħelwa, ferreħija.

Weġibhom Anġlu sbejjaħ...
Abjad bħas-silġ... jittajjar...
Imdawwar,
Bi qtajja' t'anġli jgħannu ferreħija.
U lsien leħnu ħlejju:
"Twieled, ja ħbieb, Bin Alla!
"Is-sema u l-art miml'ja,
"Bil-ferħ u l-hena u bid-dawl u d-dija,
"Ta' seħer artna sbejħa,
"Tal-ġenna tagħna mbierka..."

U żied il-kant u l-għana
Ta' l-anġli ferħanin...
Is-sema far u mewweġ kollu dija
U fewħet l-arja inċens u ġiżimin. .

Fuq nofs il-misraħ sewwa,
Feġġet tas-sema kewkba...
Kbira, sabiħa, tilma,
Xuxitha twila, twila...
Ġo nofs il-folla nieżla,
Ta' tfal u xjuħ u żgħażagħ,



Jitolbu ferħanin, b'rashom baxxuta,
Madwar maxtura ċkejkna...
Twieled Bin Alla fiha!
Fil-faqar...... u tarbija!...

L-24 ta' Novembru, 1954

---

## RWIEFEN

*Ta'* V. M. PELLEGRINI

X'ħaġa hawn iktar ta' dwejjaq
minn dik meta l-poeta
isib ruħu fallut
bla ebda ideat ġodda
bla ebda tmellis għaxqi ta' xi rima
jew armonija ta' vrus
li jqanqlu u jogħġbu?

Issa l-ward xejn ma jgħidli,
il-kwiekeb donnhom resqu
iktar fil-għoli,
il-baħar ifakkarni biss fil-qabar;
fl-għelieqi, qalb il-ħdura
u l-għana ta' l-għasafar ferreħin,
għalxejn nixtieq is-sabar.

F'dal-falliment jesplodu fija
rwiefen tal-biża';
inħoss li għandi l-għana
iżda jonqosni ċ-ċwievet
li jiftħu dat-teżori;
inħossni li għandi l-ħajja
iżda narani riesaq dritt lejn mewti,
il-mewt ta' ruħi,
għax fil-ġisem b'saħħti.